RABAT

*KUNSILL LOKALI RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 05**
* **Il-Kunsill iltaqa' nhar** Data u ħin
**Il-Gimgha 21 ta' Jannar 2011 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sur Matthew Dimech | Agent Segretarju Ezekuttiv |

1.00 **Aprovazzjoni tal-Minuti A04**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A04 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija.

Ic-Chairperson informa lill-Kumitat illi din l-laqgha kellha issir f'Dicembru 2010, izda minhabba l-mewt tas-Segretarju Ezekuttiv, hekk kif ukoll minhabba il-process sakemm jintghazel Agent Segretarju Ezekuttiv, il-laqgha ta' llum setghet issir biss f'Jannar.

Ic-Chairperson qara' l-minuti A04.

Il-laqgħa approvat il-minuti A04.

2.00 **2. Korezzjonijiet tal-Minuti A04**

2.01 Ic-Chairperson innota illi minuta 7.01 ghanda tinbidel u minflok jigi l-kliem: "Minhabba li l-agenda giet ezawrita, l-laqgha ntemmet fid-9.15pm. Il-laqgha giet aggornata ghal-10 ta' Dicembru 2010 fis-6.30pm."

3.00 **3. Punti Mqajjma**

3.01 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-Kumitat Amministrattiv.

KUNSILL LOKALI RABAT

8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

4.00 **4. Zviluppi dwar il-progett ta' bini ta' Skola gewwa s-Seminarju (PA 00498/10)**

4.01 Is-Sur Christopher Farrugia aggorna lill-Kumitat dwar xi zviluppi fuq din il-materja. Huwa qal li wara li l-Kumitat kien ghadda rizoluzjoni fis-26 ta' Novembru 2010, il-Kumitat kien rega ltaqa' f'Dicembru u flimkien, u bil-miktub, il-Kumitat kien qabel fuq tibdil fil-kontenut tal-protest gudizjarju, biex dan ikollu sahha legali akbar.

4.02 Ic-Chairperson qal li peress li t-test tal-protest gudizjarju kien inbidel, huwa kien tal-fehma illi dan jerga jitressaq quddiem il-Kumitat ghall-approvazjoni, qabel huwa jiffirmah bhala Chairperson tal-Kumitat.

Huwa kien informa lill-membri tal-Kumitat dwar dan b'email datata 28 ta' Dicembru, fejn l-ghada gie iffirmat il-qbil dwar t-test emendat.

4.03 Is-Sur Christopher Farrugia qal illi wara li d-dikjarazjoni bejn il-membri tal-Kumitat dwar il-qbil li jigi iffirmat il-protest gudizjarju bit-test emebdat giet iffirmata, s-Sindku kien infurmah illi xorta hemm problema illi l-protest gudizjarju kellu jigi iffirmat mis-Segretarju Ezekuttiv.

Din kienet problema peress illi dak iz-zmien il-Kunsill Lokali Rabat kien minghajr Segretarju Ezekuttiv.

Sadattant, l-*Action Group* hargu l-istess protest gudizjarju f'isimhom, biex ma jintilifx aktar hin, peress illi sa ma jinhatar Agent Segretarju Ezekuttiv, kien ser jghaddi aktar zmien.

Is-Sur Christopher Farrugia qal illi sa issa xorta wahda il-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill Lokali Rabat ghadu ma iffirmax fuq protest gudizjarju, u propona illi l-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill Lokali Rabat jappogjaw il-protest li sar mil-*Action Group*.

Ftit wara li saru l-protest gudizjarju, kompla is-Sur Farrugia, hareg ir-rapport tal-Awditur tal-MEPA dwar dan il-permess ta' zvilupp. Is-Sur Farrugia qal li hu ma jemminx li r-responsabilta' hija tal-*case officer* biss, izda tal-MEPA bhala l-awtorita kompetenti ghal hrug ta' dan il-permess.

Is-Sur Farrugia qal li ha parir li peress illi l-proceduri li jirregolaw ix-xoghol tas-settur publiku ma gewx osservati, jista isir rapport dwar dan kollhu lill-

Ombudsman.

4.04 Is-Sur Anthony Grixti Soler qal li l-Protest Gudizjarju huwa smiegh fil-Qorti, u l-MEPA zgur li ghanda twiegeb.

4.05 Is-Sur Christopher Farrugia qal li l-MEPA ma wegbitx. Ghaldaqstant, l-awditur tal-MEPA stqarr fir-rapport illi la darba il-MEPA ma wegbitx, "*it is assumed that MEPA agrees with the report*". Huwa qal li l-pass li jmiss ghandu jkun li l-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill Lokali jappogjaw lir-residenti fil-protest gudizjarju taghhom.

Is-Sur Farrugia qal li jista ukoll isir mandat ta' inibizjoni biex jitwaqqaf ix-xoghol, izda dan jinvolvi spejjes konsiderevoli. Huwa kompla billi qal li l-Kumitat missu issa jahdem biex jikseb kompromess, billi l-inhawi tal-Virtu tibqa zona residenzjali u b'hekk jigi salvagwardjat l-ambjent taz-zona.

Is-Sur Christopher Farrugia qal li l-ikbar inkwiet hija l-iskola primarja, ghax dik ser iggib volum kbir ta' traffiku fiz-zona tal-Virtu.

4.06 Is-Sur Lino Pace Bonello, filwaqt li fakkar li ma sar l-ebda studju fuq l-impatt li t-traffiku zejjed ser ihalli fuq iz-zona, qal li Triq Francesco Azzopardi hija triq wiesa, u li kieku din it-triq tinfetah u tigi tinfed, tista tiflah ghal volum akbar ta' traffiku.

Ic-Chairperson qal izda li fuq nota inqas pozittiva, din tista twassal ukoll ghal volum akbar tat-traffiku fiz-zona tal-Virtu.

4.07 Is-Sur Christopher Farrugia qal li hemm ukoll triq fejn is-Seminarju li tista tiehu ftit mit-traffiku addizjonali li ser jidhol fl-akwati tas-Seminarju. Huwa kompla billi qal illi anke analizi preliminarja tad-demografija tar-Rabat turi li ma kienx hawn bzonn ta' skola primarja ohra.

4.08 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li hija sfortuna li l-protest gudizjarju ma sarx bejn il-partijiet kollha. Huwa saqsa l-ghala l-*Action Group* tar-residenti ghamel il-Protest Gudizjarju wahdu.

4.09 Is-Sur Christopher Farrugia qal li huwa kien saqsa lis-Sindku ghala ma intbghatx il-protest gudizjarju, fejn dan qallu li l-firem fejn isir qbil dwar it-test il-gdid tal-protest gudizjarju, kellhu isir waqt laqgha ufficjali.

Is-Sur Farrugia qal li ghaldaqstant, permezz ta' e-mail li huwa bghat lic-Chairperson, huwa talab biex issir laqgha tal-Kumitat Amministrattiv biex din il-materja tissolva malajr.

Is-Sur Farrugia qal illi din it-talba ma gietx milqugha mic-Chairperson. Ghaldaqstant, biex ma jintilifx aktar zmien, l-'Action Group' hareg il-protest gudizjarju f'isimhom biss.

4.10 Ic-Chairperson qal li huwa ma accettax li ssir laqgha ghax ma hux marbut jiehu struzzjonijiet minghand membri tal-Kumitat Amministrattiv, u li kieku it-talba tressqet mis-Sindku, huwa kien ikun lest jghamel tali laqgha.

Is-Sur Lino Pace Bonello qal li xorta wahda ma setghetx issir l-laqgha peress li ma kienx hawn Agent Segretarju Ezekuttiv.

4.11 Is-Sur Anthony Grixti Soler qal li l-Kumitat dejjem qabel li jekk il-Protest Gudizjarju ikollu l-qbil ukoll tal-Kunsill Lokali Rabat, dan ikollu aktar sahha.

4.12 Is-Sur Christopher Farrugia qal li l-Kumitat ghandu mela imexxi bi Protest Gudizjarju flimkien mal-Kunsill Lokali Rabat.

4.13 Il-Kumitat qabel li jinhareg protest gudizjarju f'isem il-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill Lokali Rabat. L-Agent Segretarju Ezekuttiv ghandu jivverifika mal-avukat tal-Kunsill jekk it-test tal-protest ghandux jinbidel peress li dan diga gie prezentat fil-qorti.

5.00 **5. Zviluppi fi progett ta access ghal tal-Virtu' (Memo 094/2010)**

5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qara ittra mibghuta mill-MEPA, liema ittra qeghda tinforma lill-Kumitat illi l-applikazjoni biex isir dan il-progett f'forma ta' *Development Notification Order* ma gietx accettata peress li l-applikazjoni ghanda issir f'forma ta' *Full Development Permit.*

Is-Segretarju qal li ser jivverifika mal-Perit tal-Kunsill jekk wara kollox hemmx bzonn permess mill-MEPA biex issir din il-manutenzjoni fuq bankina.

6.00 **6. Affarijiet ohra**

6.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li hemm individwi li qeghdin jahdmu biex issir karma tan-nar vicin tal-Virtu.

Is-Sur Christopher Farrugia qal li il-Kumitat ghandu jkun attent fuq din il-materja, u jekk ikun hemm applikazjoni formali biex isir tali zvilupp, il-Kumitat jista' jghamel referendum mar-residenti dwar il-materja, hekk kif sar f'Kunsill iehor diga.

6.02 Is-Sur Christopher Farrugia talab li l-membri tal-Kumitat jinghataw *site plan* tal-inhawi tal-Virtu.

6.03 Is-Sur Anthony Grixti Soler talab li jinghata rendikont tal-estimi finanzjarji tal-Kumitat Amministrattiv, hekk kif ukoll gibed l-attenzjoni illi l-awtoritajiet kompetenti ghandhom izidu ir-rizorsi umani biex il-Kumitati Amministrattivi ikunu jisthgu jahdmu b'aktar mod effettiv.

7.00 **7. Aggornament**

7.01 Peress li l-agenda giet ezawrita, l-laqgha giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 4 ta' Frar 2011, fis-6.30pm

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Matthew Dimech**
**Agent Segretarju Eżekuttiv**